**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 131/2019**

Il-Pulizija

vs

**Clive Agius**

Iben Simon u Simone nee' Azzopardi, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Marzu 1985, residenti l-Furjana, detentur tal-karta ta'l-identita Maltija bin-numru 187685(M)

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Clive Agius, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-24 ta' April 2019, kif ukoll fix-xhur ta' qabel:

1. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D, fid-digriet tagħha ta' nhar il-11 ta' Mejju 2018 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Camilleri LL.D, fid-digriet tiegħu ta' nhar is-6 ta' Marzu 2018 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt

garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr F.Depasquale LL.D nhar it-12 ta' Ġunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
4. Talli sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' April 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u inkwantu għall-ewwel zewġ imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċediva, ikkundannatu għal seba' xhur priġunerija, u inkwantu għat-tielet imputazzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, daħħlet fis-seħħ is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li permezz tagħha l-imputat ġie kkundannat għal tlett xhur priġunerija u għaldaqstant total ta' għaxar xhur priġunerija effettiva. L-imputat ma nstabx ħati tal-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, wara li rat l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni u għalhekk irrevokat contrario imperio d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' Mejju 2018 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D u tas-6 ta' Marzu 2018 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Camilleri LL.D u ordnat l-arrest mill-ġdid ta' Clive. In oltre, ordnat il-konfiska tas-somom ta' €2,000 u €750 bħala depozitu u somom ta' €10,000 u €7,000 bħala garanzija personali li kienu ġew imposti fuq l-istess Clive Agius permezz tad-digriet imsemmija favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clive Agius, ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi in kwantu għar-raba' akkuża tikkonferma li l-appellant mhux ħati tal-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tikkonferma l-ħtija ta' l-appellant inkwantu għall-ewwel zewġ imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċediva timmodifika l-istess sentenza appellata

limitatatement in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' seba' xhur priġunerija u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja, ossia l-multa, kif ukoll tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn irrevokat contrario imperio d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' Mejju 2018 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D u tas-6 ta' Marzu 2018 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Camilleri LL.D u ordnat l-arrest mill-ġdid ta' l-appellant kif ukoll tħassar, tirrevoka, tannulla s-sentenza appellata fejn ikkonfiskat is-somom ta' €2,000 u €750 bħala depozitu u somom ta' €10,000 u €7,000 bħala garanzija personali li kienu ġew imposti fuq l-istess appellant permezz tad-digriet imsemmija għall-favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll in kwantu għat-tielet imputazzjoni tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjara li għadha ma ġietx attivata s-sentenza ta' tlett xhur priġunerija imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Ġunju 2018.

Rat it-talba magħmula mill-appellant permezz tar-rikors tiegħu datat 21 ta' Settembru 2021 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Semgħet ix-xhieda ta' Sarah Bezzina, Maria Caruana, David Mellows, Dr Simone Schembri u Dr George Grech.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-28 ta' Jannar 2022, il-Qorti laqgħat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar l-4 ta' Mejju 2023, kif jirriżulta min-nota tal-Bord ta' l-istess data, u għalhekk fit-terminu preskritt mill-artikolu 8(5) tal-Kapitolu

537 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant Clive Agius ingħalaq b'suċċess.

Rat in-nota ppreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti tal-15 ta' Lulju 2021 minn fejn jirriżulta illi l-appellant għad għandu is-segwenti proċeduri penali pendenti kontra tiegħu:

1. Kumpilazzjoni numru 93/2019 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Doreen Clarke);
2. Kumpilazzjoni numru 183/2001 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Noel Cuschieri);
3. Kumpilazzjoni numru 159/2009 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Saviour Demicoli);
4. Kumpilazzjoni numru 1144/2008 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Ian Farrugia);
5. Kumpilazzjoni numru 136/2018 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Natasha Galea Sciberras);
6. Kumpilazzjoni numru 576/2018 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Natasha Galea Sciberras);
7. Kumpilazzjoni numru 1245/2008 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Edwina Grima);
8. Kumpilazzjoni numru 260/2001 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Abigail Lofaro);
9. Kumpilazzjoni numru 1269/2008 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Antonio Micallef Trigona);
10. Kumpilazzjoni numru 526/2007 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Jacqueline Padovani Grima);
11. Kumpilazzjoni numru 276/2012 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Carol Peralta);
12. Kumpilazzjoni numru 274/2008 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Lawrence Quintano);

13. Kumpilazzjoni numru 446/2008 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Lawrence Quintano);
14. Kumpilazzjoni numru 59/2018 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Elaine Rizzo);
15. Kumpilazzjoni numru 842/2012 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Consuelo-Pilar Scerri Herrera);
16. Kumpilazzjoni numru 466/2013 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Gabriella Vella);
17. Appell Kriminali numru 93/2015 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Imħallef Edwina Grima);
18. Appell Kriminali numru 408/2018 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Imħallef Consuelo-Pilar Scerri Herrera);
19. Att t'Akkuza numru 6/2013/1 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri);
20. Appell Kriminali numru 446/2017 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Imħallef Giovanni Grixti);
21. Appell Kriminali numru 131/2019 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Imħallef Edwina Grima).

Rat id-digriet tal-Qorti tal-01 ta' Diċembru 2023 fejn kienet ordnata is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jindika permezz ta' nota x'proċeduri għandu pendenti l-appellant quddiem din il-Qorti, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u quddiem il-Qorti Kriminali, u wkoll sabiex jekk kenux deċiżi xi kawżi minn dawk indikati fil-lista ppreżentata fil-15 ta' Lulju 2021 u allura jekk diġa' saret xi konfiska ta' xi depożiti jew garanziji indikati fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant f'dan il-każ.

Rat in-nota ppreżentata mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali in ottemperanza ma' dan id-digriet fejn kien indikat li llum l-appellant għandu is-segwenti każijiet pendenti apparti dak odjern, it-tnejn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati:

1. 59/2018 – Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Clive Agius pendenti quddiem il-Maġistrat Elaine Rizzo.
2. 136/2018 - Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Clive Agius pendenti quddiem il-Maġistrat Elaine Rizzo.

Jindika fl-imsemmija nota illi l-kawżi l-oħra indikati fin-nota tal-15 ta' Lulju 2021 huma kollha deċiżi. Oltre hekk ir-Reġistratur indika illi d-depożitu ta' €2000 u il-garanzija fl-ammont ta' €10,000 kienu kkonfiskati u l-ħelsien mill-arrest revokat u dan b'referenza għat-tieni imputazzjoni u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-17 ta' Ottubru 2018, kif ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza tat-23 ta' Mejju 2019.

Rat in-nota ippreżentata mill-appellant tat-02 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha huwa informa lil Qorti li fl-aħħar ta' Jannar huwa ser ikompli bir-rijabilitazzjoni tiegħu fi ħdan l-Aġenzija RISE, b'dan għalhekk illi l-inkarċerazzjoni mill-ġdid tiegħu jista' iservi ta' preġudizzju għalih u għar-rijabilitazzjoni tiegħu.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu. L-appellant ma jqanqal l-ebda aggravju marbut mal-mertu, izda jqanqal biss aggravju wieħed fir-rigward tal-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Illi, għalhekk l-aggravju tal-appellant huwa dirett sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk għandux jedd għal piena aktar miti. Illi t-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti

Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2022, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***
>
> ***Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.***
>
> ***(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.***

Illi mid-dokumenti u x-xhieda formanti parti mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-appellant għandu storja ta' abbuż ta' droga b'diversi kundanni jingħataw mill-qrati tagħna għal reati multepliċi minnu kommessi tul is-snin b'konsegwenza ta' dan

il-vizzju. Dan magħdud, madanakollu, jidher illi l-appellant finalment għaraf il-bżonn li jegħleb il-vizzju tat-tossikodipendenza u kkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni. Hu kien dejjem konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi, fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha fin-negattiv għal kwalunkwe sustanza. *In oltre*, huwa qed isegwi l-pjan ta' kura imfassla għalih, qed izomm kuntatt regolari mal-professjonisti li qed jgħinuh, qed jaħdem u qed jimpenja ruħu bi sħiħ sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tiegħu, u dan kif jirriżulta wkoll mill-aħħar nota ippreżentata minnu tat-02 ta' Jannar 2024.

Illi għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja. Tagħmilha ċara li dan ser ikun l-aħħar ċans li l-appellant ser jingħata minn dina l-Qorti u tawgura li l-appellant jibqa' filfatt miexi fit-triq it-tajba kif qed jagħmel.

Illi finalment il-Qorti ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kien revokat il-ħelsien mill-arrest u fejn id-depożitu u garanzija fl-ammonti ta' €2000 u €10,000 rispettivament ġew ikkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta u dan peress illi din l-imputazzjoni kienet diġa' ġiet deċiża permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-17 ta' Ottubru 2018, kif ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza tat-23 ta' Mejju

2019. Inoltre fid-dawl ta' dak deċiż permezz ta' din is-sentenza, bil-għan illi l-appellant jiġi mħeġġeġ biex ikompli fit-triq tar-rijabilitazzjoni, il-Qorti tqies ukoll, u dan b'referenza għall-ewwel imputazzjoni dwar il-ksur tal-ħelsien mill-arrest mogħti b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D, ta' nhar il-11 ta' Mejju 2018 li l-ħelsien mill-arrest ma għandux ikun revokat u tordna illi għandu jkun hemm konfiska biss tas-somma ta' €200 bħala parti mid-depożitu u €500 bħala parti mill-garanzija personali imposti fuqu fl-imsemmi digriet.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

i) **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant, fuq ammissjoni tiegħu, ħati tal-akkużi lilu addebitati; u**

ii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali; u**

iii) **Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-perijodu ta' seba' xhur priġunerija effettivi u minflok tikkundannah għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum; u**

iv) **Tirrevokaha fil-parti fejn ordnat li s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tal-appellant tidħol fis-seħħ u minflok testendi l-perijodu operattiv ta' l-istess sentenza sospiza għal sentejn mid-data tal-lum, u dana ai termini tal-Artikoli 28A u 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

v) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn irrevokat *contrario imperio* d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' Mejju 2018 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrati Dr N. Galea Sciberras LL.D u tas-6 ta' Marzu 2018 mogħti mill-Maġistrat Dr N. Camilleri LL.D u fejn ordnat l-arrest mill-ġdid tal-appellant; u**

vi) **Tirrevokaha fil-parti fejn ordnat il-konfiska tas-somom ta' €2,000 u €750 bħala depozitu u somom ta' €10,000 u €7,000 bħala garanzija personali li kienu ġew imposti fuq l-istess Clive Agius, u minflok tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somom ta' €200 bħala parti mid-depożitu u €500 bħala parti mill-garanzija personali infraskritti fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat N. Galea Sciberras) tal-11 ta' Mejju 2018.**

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodi operattivi ta' dawn is-sentenzi.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan kif imfisser fis-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tas-segwenti proceduri penali:

1. 59/2018 – Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Clive Agius pendenti quddiem il-Maġistrat Elaine Rizzo.
2. 136/2018 - Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Clive Agius pendenti quddiem il-Maġistrat Elaine Rizzo.

**Edwina Grima**
**Imħallef**